# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2018**

**Numru 5**

**Rikors Numru 409/18TA**

**Ballut Blocks Services Limited (C8360)**

**vs**

**Mario Briffa (ID 0167573M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-Socjeta` Attrici Ballut Blocks Services Limited prezentat fit-2 ta' Mejju, 2018 u mahluf minn Francis Vella fl-istess data li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' tmintax-il elf tliet mija u tmienja u sittin euro u disgha u tletin centezmu (€18,368.39) rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta` attrici ghal *concrete u prestressed concrete panels* mibjugha u konsenjati lilu mis-socjeta` attrici kif ukoll rapprezentanti kumpens ghal kiri lilu ta' *crane* u *concrete pump* mis-socjeta` attrici, fuq inkarigu tieghu stess, u dan skont ma jirrizulta mill-*istatement* hawn anness (Dok. '**BBS 1**') u mid-*delivery notes* relattivi hawn annessi komplessivament (Dok. '**BBS 2**');

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-socjeta` attrici, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawa tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh billi, fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici, il-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat ripetutatment sabiex ihallas l-imsemmi ammont huwa baqa' inadempjenti u ma hallasx.

4. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' tmintax-il elf, tliet mija u tmienja u sittin euro u disgha u tletin centezmu (€18,368.39) rapprezentanti bilanc dovut lis-sojceta` attrici ghal *concrete u prestressed concrete panels* mibjugha u kkonsenjati lilu mis-socjeta` attrici kif ukoll rapprezentanti kumpens ghal kiri lilu ta' *crane* u *concrete pump* mis-socjeta` attrici, fuq inkarigu tieghu stess u dan skont ma jirrizulta mil-*istatement* (Dok. 'BBS 1') u mid-*delivery notes* relattivi (Dok. 'BBS 2');

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-kawza odjerna, tal-ittra ufficjali bin-numru 124/2017 datata 15 ta' Novembru 2017 (Dok. 'BBS 3') oltre l-imghax legali mit-12 ta' Mejju 2017 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni tieghu."

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Mejju, 2018;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-Konvenut tat-18 ta' Gunju, 2018;

**Ikkunsidrat**

Wara li l-Konvenut ghazel li jaghmel ammissjoni ftit hemm x'jinghad dwar il-mertu. Ghalhekk huwa manifestament car li t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha fl-intier taghhom kif mitlub.

**Decide**

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba fid-dawl tal-ammissjoni tal-Konvenut;

**Tilqa'** t-tieni talba u ghalhekk tkkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta` Attrici l-ammont ta' tmintax-il elf, tliet mija u tmienja u sittin Euro u disgha u tletin centezmu (€18,368.39) ghar-ragunijiet premessi u mitluba fir-Rikors guramentat.

**Spejjez** tal-kawza a` karigu tal-Konvenut u bl-ispejjez l-ohra kollha inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-kawza, tal-ittra ufficjali bin-numru 124/2017 datata 15 ta' Novembru 2017 oltre l-imghax legali mit-12 ta' Mejju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**